Nru./No. 21,254
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024
Monday, 3rd June, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern 13,497
Notices *13,497*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,498 - 13,500
Court Notices ..... *13,498 - 13,500*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li ser jattendu biex jissorveljaw il-votazzjoni għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-3 ta' Ġunju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with subarticle (1) of article 56 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll for the purposes of the forthcoming poll for the European Parliament Elections.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

3rd June, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijet tas-subartikolu (1) tar-regolament 26 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata, bħala Skeda ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li jkunu preżenti biex jissorveljaw il-votazzjoni għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-3 ta' Ġunju, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of regulation 26 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), there is hereby published, as a Schedule to this notice, a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll for the purposes of the forthcoming poll for the Local Councils Elections.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

3rd June, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LISTS MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

List containing the names of the Assistant Electoral Commissioners

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1213

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Giovanna sive Jeanette Pocock vs Pauline Ruth Cilia, Rikors numru 134/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pauline Ruth Cilia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Giovanna sive Jeanette Pocock (KI 542171M) vs Pauline Ruth Cilia (KI 0267969M) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-14 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrenti Giovanna sive Jeanette Pocock (KI 0267969M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Pauline Ruth Cilia (KI 0267969M) hija inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 44 ġja 45, The House, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi, u tikkwalifika bħala kerrejja tad-dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 ta' Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata Pauline Ruth Cilia (KI 0267969M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruga taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2023, u fuq il-kapital tal-kerrejj fil-31 ta' Diċembu 2023.

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera għandha tigi riveduta għal ammont li ma' jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 44 ġja 45, The House, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ illi l-intimata Pauline Ruth Cilia (KI 0267969M) ma tissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond inkwstjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mid-data tas-sentenza odjerna.

By means of a decree of the 3rd May, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Giovanna sive Jeanette Pocock s Pauline Ruth Cilia, Application number 134/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Pauline Ruth Cilia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Giovanna sive Jeanette Pocock (ID 542171M) vs Pauline Ruth Cilia (ID 0267969M) filed before the Rent Regulation Board, on the 11th March, 2024, the applicant Giovanna sive Jeanette Pocock (ID 0267969M) requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondent Pauline Ruth Cilia (ID 0267969M) is the tenant of the applicant in the premises 44 previously 45, the House, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi and qualifies as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021;

2. Order that the means test of the respondent Pauline Ruth Cilia (ID 0267969M) be carried out which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued in terms of Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them, which means test shall be based on the income of the respondent between the 1st January and the 31st January, 2023.

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021 the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered open market value of the premises 44 previously 45, the House, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi, and to establish new conditions regarding the lease;

4. Order in case the respondent Pauline Ruth Cilia (ID 0267969M) does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question, within a short and peremptory time established by this Board and not later than two years from the date of the present judgement.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni, u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentatata jew ġiet preżentata.

Rikorrent: 20, Triq Vincenzo Dimech, Il-Gudja

Notifika: 44, The House, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi

Ir-rikors fl-ismijiet Giovanna sive Jeanette Pocock vs Pauline Ruth Cilia, Rikors numru 134/2024JG, jinsab differit għall-14 ta' Ġunju, 2024, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and the defendant is summoned so that a reference to her oath be made, and saving and without prejudice to any other action that may be brought or presented.

Applicant: 20, Triq Vincenzo Dimech, Gudja

Notification: 44, The House, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi

The application in the names Giovanna sive Jeanette Pocock vs Pauline Ruth Cilia, Application number 134/2024JG, has been postponed for hearing to the 14th June, 2024, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 31st May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1214

AVVIŻ MIR-REĠISTRU QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Eleonor Xuereb bin-numru tal-karta tal-identità 60190M ippreżentat rikors numru 111/2024 AGV fejn talbet il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 4289/19 ta' Dennise Cilia, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 31 ta' Mejju, 2024

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE REGISTRY OF THE CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the applicant Eleanor Xuereb identity card number 60190M presented an application (number 111/2024 AGV) demanding corrections in the Act of Birth certificate number 4289/19 of Denise Cilia, in the Public Registry.

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 31st May, 2024

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1215

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 431/2024/1MH, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Kassim Aklah et vs Mercieca Alessandro sive Alexander sive Alex, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Din il-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar 10 ta' Ġunju, 2024, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimat: Mercieca Alessandro sive Alexander sive Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th May, 2024, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 431/2024/1MH, which was filed on the 12th March, 2024, in the names: Kassim Aklah et vs Mercieca Alessandro sive Alexander sive Alex, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: This Honourable Court orders the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 10th June, 2024, at 11.00 a.m.

Notify Respondent: Mercieca Alessandro sive Alexander sive Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 29th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1216

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 582/2023FDP, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Camilleri Neil et vs Cassar Clyde, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex, a spejjeż tiegħu jagħmel ix-xogħlijiet imsemmija. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar 18 ta' Ġunju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Cassar Clyde. Flat 2, Lotus, 27B, Triq Ganu, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd October, 2023, in the records of Sworn Application number 582/2023FDP, which was filed on the 8th June, 2023, in the names: Camilleri Neil et vs Cassar Clyde, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn and order the respondent to carry out at his expense the works mentioned. With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 18th June, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Cassar Clyde. Flat 2, Lotus, 27B, Ganu Street, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 29th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*